

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8820/26
ADD 1

UD 120
ENFOCUSTOM 57
FISC 155
ECOFIN 558
MI 425
COMER 76
TRANS 265
DELECT 83

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 30 ta' April 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2026) 2760 final

Suġġett: ANNESS
tar-
Regolament Delegat tal-Kummissjoni
li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tad-
definizzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet doganali u tal-elementi tad-data
relatati mad-dazju doganali temporanju ta' EUR 3 fuq il-bejgħ mill-
bogħod ta' merkanzija importata f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma
jaqbiżx EUR 150

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2760 final.

Mehmuż: C(2026) 2760 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
C(2026) 2760 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tad-definizzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet doganali u tal-elementi tad-data relatati mad-dazju doganali temporanju ta' EUR 3 fuq il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150

ANNEX

L-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-Titolu I huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, ir-ringieli relatati mal-kolonna F40, F41, F42, F43, F44, F45, H1, H6 u H7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | |
|------|--|-----------------------------------|
| “F40 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Informazzjoni dwar id-dokument ta' trasport prinċipali fit-triq | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |
| “F41 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Informazzjoni dwar id-dokument ta' trasport prinċipali ferrovjarju | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |
| “F42 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Polza tal-vjeġġ bl-ajru Master li jkun fiha l-informazzjoni postali meħtieġa dwar il-polza tal-vjeġġ bl-ajru ppreżentata f'konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli għall-mod ta' trasport konċernat | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |
| “F43 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Sett minimu ta' data ppreżentat qabel it-tagħbija f'konformità mal-Artikolu 106(1), it-tieni subparagrafu, u f'konformità mal-Artikolu 113(2) | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |
| “F44 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Numru ta' identifikazzjoni tar-reċipjent ippreżentat qabel it- | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |

| | | |
|------|--|---|
| | tagħbija f'konformità mal-Artikolu 106(1), it-tieni subparagrafu, u f'konformità mal-Artikolu 113(2) | |
| “F45 | Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul – Merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali – Sett parzjali ta' data – Il-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur biss | L-Artikoli 5(9) u 127 tal-Kodiċi” |
| “H1 | Dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u Proċedura speċjali – Użu speċifiku – Dikjarazzjoni għal użu finali | Dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera: L-Artikoli 5(12), 162 u 201 tal-Kodiċi Dikjarazzjoni għall-użu finali: L-Artikoli 5(12), 162, 210 u 254 tal-Kodiċi” |
| “H6 | Dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali | L-Artikoli 5(12), 162 u 201 tal-Kodiċi” |
| “H7 | Dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija f'kunsinna ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150 | L-Artikoli 5(12), 162 u 201 tal-Kodiċi” |

(b) il-Kapitolu 3 huwa emendat kif ġej:

- (i) fit-Taqsima 11, it-tabella “Tabella tar-rekwiżiti tad-data – Importazzjoni” hija emendata kif ġej:
- (1) fir-ringiela relatata mal-E.D. Nru 12 10 000 000 (Pagament differit), fil-kolonna H7, jitħassar “[54]”;
 - (2) fir-ringiela relatata mal-E.D. Nru 14 03 038 000 (Metodu ta' ħlas), fil-kolonna H7, jitħassar “[54]”;
 - (3) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 039 000 (Tip ta' taxxa), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;
 - (4) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 040 000 (Bażi tat-taxxa), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;
 - (5) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 040 006 (Kwantità), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;
 - (6) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 040 014 (Ammont), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;

- (7) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 040 041 (Rata tat-taxxa), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;
- (8) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 03 040 043 (Ammont tat-taxxa), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;
- (9) fir-ringiela dwar E.D. Nru 14 16 000 000 (Ammont totali ta’ dazji u taxxi), fil-kolonna H7, tiddaħħal “B”;

(ii) fit-Taqsima 13, it-tabella “Noti” hija emendata kif ġej:

- (1) fir-ringiela dwar in-Nota [34], it-test fil-kolonna relatata mad-deskrizzjoni tan-Nota huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Ma tridx tintuża fil-każ ta’ merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali jew ta’ ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport.”;

- (2) fir-ringiela dwar in-Nota [37], it-test fil-kolonna relatata mad-deskrizzjoni tan-Nota huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Ma tridx tintuża fil-każ ta’ merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali jew ta’ ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew bil-ferrovija.”;

- (3) fir-ringiela dwar in-Nota [54], it-test fil-kolonna relatata mad-deskrizzjoni tan-Nota huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Mhux użat”;

- (4) fir-ringiela dwar in-Nota [57], it-test fil-kolonna relatata mad-deskrizzjoni tan-Nota huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Din l-informazzjoni ma tkunx meħtieġa f’każijiet ta’ oġġetti multipli ppakkjati flimkien u għal merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali.”;

(2) It-Titolu II (Noti dwar ir-rekwiżiti tad-dejta) huwa emendat kif ġej:

- (a) fin-noti dwar l-element tad-data “12 03 000 000 Dokument ta’ sostenn”, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“II-kolonna H1 u H6 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data:

L-identifikatur tal-prodott tan-negozjant, l-identifikatur tal-prodott tal-manifattur mhux standardizzat u, jekk jeżisti għall-oġġett, l-identifikatur tal-prodott tal-manifattur standardizzat, kif definit fl-Artikolu 1, il-punti (58), (59) u (60), rispettivament, ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu pprovduti għal kull oġġett fir-rigward ta’ merkanzija mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE.

II-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

L-identifikatur tal-prodott tan-negozjant, l-identifikatur tal-prodott tal-manifattur mhux standardizzat u, jekk jeżisti għall-oġġett, l-identifikatur tal-prodott tal-manifattur standardizzat, kif definit fl-Artikolu 1, il-punti (58), (59) u (60), rispettivament, ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu pprovduti għal kull oġġett fir-rigward ta’ merkanzija mibjugħa permezz ta’ bejgħ mill-bogħod

ta' merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE.” ;

- (b) fin-noti dwar l-element tad-data “12 03 001 000 Numru ta' referenza”, il-paragrafu li ġej jiddaħħal qabel il-paragrafu “Il-kolonna I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data”:

“Il-kolonni H1, H6 sa H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-data speċifika meħtieġa bħala “Dokument ta' sostenn” relatat mad-dikjarazzjonijiet koperti minn din il-kolonna.”;

- (c) fin-noti dwar l-element tad-data “13 05 000 000 Dikjarant”, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data użati għajr H7:

Dan l-element tad-data jintuża sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti li tirrigwardja d-dikjarant.

Il-kolonni H1, H6 sa H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jintuża sabiex tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti relatata mad-dikjarant, fil-każ ta' merkanzija f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150 u f'bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE.

Id-dikjarant għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) il-persuna li tagħmel użu mill-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4, tad-Direttiva 2006/112/KE jew ir-rappreżentant indirett tagħha;
- (b) il-persuna li tagħmel użu mill-arranġamenti speċjali stabbiliti fit-Titolu XII, il-Kapitolu 7, tad-Direttiva 2006/112/KE jew ir-rappreżentant indirett tagħha;
- (c) ir-rappreżentant indirett tal-importatur, meta il-punt (a) jew (b) ma japplikax;
- (d) meta il-punt (a), (b) jew (c) ma japplikax, kwalunkwe persuna oħra li hija kapaċi tipprowdi l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li fir-rigward tagħha hija ddikjarata l-merkanzija, u li hija kapaċi tippreżenta l-merkanzija inkwistjoni jew tara li tiġi ppreżentata lid-dwana.”;
- (d) fin-noti dwar l-element tad-data 18 05 000 000 (Deskrizzjoni tal-merkanzija),
- (a) is-sentenza “Il-kolonni B1, B2, H1 sa H5, H8 u I1 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data” hija sostitwita b'din li ġejja:
- “Il-kolonni B1, B2, H1 sa H8 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data”**
- (b) is-sentenza “Il-kolonni D3, G4, G5, H6 u H7 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data” hija sostitwita b'din li ġejja:
- “Il-kolonni D3, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data”**

- (e) fin-noti dwar l-element tad-data 18 10 000 000 (Tip ta' merkanzija), is-sentenza "Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' oġġetti fil-konsenja postali." hija sostitwita b'dan li ġej:

"Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta' operatur postali."